MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Numru. 313/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Alfonso Mizzi**

Kaz Numru: 313/2013

Illum 17 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfonso Mizzi**, bin Guzepp u Fortunata neé Vella, imwieled fis-7 ta’ Marzu 1941, residenti fil-fond ‘Alfabella,’ Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 21141(G), akkuzat talli nhar it-22 ta’ April 2013 ghall-habta ta’ 10:45hrs waqt li kien ghall-kacca

tal-gamiem waqt stagun miftuh ghall-kacca fl-inhawi tax-Xaghra, Ghawdex:

1. kien b'senter tal-marka St. Etienne b'seriel number 75263 ikkargat u bla ghata f'distanza ta' inqas minn 200 metru mill-abitat (22 metru);

2. kif ukoll talli bhala possessur tal-licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'din il-licenzja.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodifacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolament 18(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati taz-zewg (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' tliet mija u tmenin ewro (€ 380.00).

Inoltre, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti ndikati f'Dok C a favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------